**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** minn JOSEPH SERRACINO

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (14)

Il-ġimgħa l-oħra temmejna l-intervista tagħna ma' Salvu Brincat fuq il-pika li kienet teżisti bejn Bormla u l-Birgu fuq id-dgħajjes ta' bl-Erbgħa. Waqt li lil Salvu nerġgħu niltaqgħu miegħu f'kitba oħra dwar dawn it-tiġrijiet aktar 'il quddiem, illum se nlaqqagħkom ma' Anton Cassar, li kif tafu għal bosta snin kien jokkupa l-kariga ta' president tal-club tar-Regatta tal-Marsa. Lil Anton, fil-fatt kont għamiltlu żewġ intervisti fi żminijiet differenti (waħda minnhom fuq Radju Kottoner) u għalhekk se nipprova nislet xi siltiet minnhom, l-aktar fejn tidħol ir-Regatta Nazzjonali.

Lil Anton Cassar, illum mejjet, kont ilni nafu ħafna snin minn meta kien l-editur tal-ġurnal *l-orizzont*, u peress, aħna t-tnejn kellna għal qalbna ħafna din id-drawwa antika, allura konna nqattgħu ħafna ħin nitkellmu dwarha. L-ewwel mistoqsija li għamiltlu kienet dwar x'jiftakar dwar it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra: Huwa weġibni hekk:

"Jien idea żgħira għandi tat-tiġrijiet li saru qabel il-gwerra, iżda nismagħhom jgħidu kemm dawn it-tiġrijiet kienu akkaniti u xi briju kbir kienu jġibu magħhom ... illum nifhem aħjar x'kienet tfisser it-Tiġrija tal-Vitorja għad-dilettanti ta' dawk iż-żminijiet, għax barra li kienet avveniment mistenni minn sena għal oħra, ir-rebħ tal-rebħ tal-palju ta' kull tiġrija mill-qaddiefa magħżulin minn fost il-barklori ta' kull lokal, kien għalihom l-aqwa unur li huma setgħu jiksbu għal pajjiżhom.

"Ħafna barklori li llum qatgħu mix-xogħol tad-dgħajsa jgħiduli li t-tiġrija għalihom kienet aqwa mill-festa tal-lokal, u llum tilfet dak l-eċċitament li huma kienu mdorrijin jassistu għalih f'kull Regatta.

"Jien bħal Marsin kollha minn dejjem kont dilettant tat-tiġrija, u aktar ma bdejt nikber aktar ħassejtni ninteressa ruħi fiha ... fil-fatt jien għamilt snin twal bħala president tal-club tal-Marsa."

*Anton – jien niftakar li meta int kont l-editor ta' l-orizzont kellek team tajjeb ta' ġurnalisti żgħażagħ u bdejt tagħti pubbliċitá kbira lir-Regatta Nazzjonali ... x'kien il-mottiv ewlieni wara din il-pubbliċitá ... xtaqt li d-drawwa tal-qdif fil-Port il-Kbir tkun aktar magħrufa fost il-poplu tagħna jew il-kariga ta' president tal-club attiv fir-Regatta xprunatek biex int tagħti ħajja mill-ġdid lit-tradizzjoni li sa qabel il-gwerra kienet tant popolari fost il-nies taż-żewġ portijiet?*

"Ħalli ngħidlek ... kollox marbut ma' xulxin ... jien dejjem sostnejt li r-Regatta hi l-isport ewlieni tal-Port il-Kbir .. meta kont editur ta' *l-orizzont* xtaqt li lil din it-tradizzjoni nagħmilha aktar popolari mal-poplu Malti, mhux għax ma kinitx, iżda ftit li xejn konna nafu dwarha. Dak iż-żmien fit-taqsima Sports kelli team team ta' ġurnalisti żgħażagħ ... ġew minn fuq il-bankijiet ta' l-iskola u tgħallmu l-ġurnaliżmu waqt li kienu jaħdmu ... kelli nies miegħi bħal Charles Flores li kien president tal-club tar-Regatta tal-Kalkara, lil George Degiorgio minn Bormla li kien kiteb sensiela dwar ir-Regatta fuq il-gazzetta u fost oħrajn kelli lil Salvu Cachia mill-Isla li kien intiż ħafna fuq ir-Regatta.

"Għalhekk, meta ddeċidejna li nagħtu aktar pubbliċitá lir-Regatta b'kitbiet ta' interess ġenerali dwar il-clubs tar-Regatta u l-preparazzjonijiet li l-Kumitati Distrettwali jħejju ta' kull sena għal dawn it-tiġrijiet tradizzjonali, kulħadd ħadem u stinka kemm jiflaħ biex ir-Regatta terġa' tieħu l-ħajja mill-ġdid u tikseb dik il-popolaritá li kienet tgawdi qabel il-gwerra.

"Għal sena wara l-oħra, il-gurnali tal-Union Press taw *promotion* kbira lil dawn it-tiġrijiet (u għadhom jagħtu) u l-kontributuri tagħna - fosthom int li ktibt sensiliet twal dwar l-Istorja u l-Integrazzjoni tat-Tiġrijiet tad-Dgħajjes fl-Istorja ta' pajjiżna, irnexxielna nqajmu kuxjenza fost il-poplu tagħna, u nuruh li din it-tradizzjoni li għandha warajha mijiet tas-snin hi l-aqwa tradizzjoni tal-baħar li għandu pajjiżna .... barra hekk, dak iż-żmien beda jiċċaqlaq it-turiżmu, u għalhekk aħna dejjem emminna li r-Regatta Nazzjonali kellha tkun spettaklu sportiv li għandha tiġbed aktar turisti lejn pajjiżna ...



Tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass b'żewġt Imqadef fis-snin 30

"Fl-istess żmien kont ukoll il-president tal-club tar-Regatta tal-Marsa ... kien żmien meta jien u sħabi tal-kumitat ħdimna bla heda. Wara s-success li l-Marsa kisbu fl-1967 u f'nofs is-sebgħinijiet urejna li l-ekwipaġġi tagħna kienu l-aqwa fil-Kanal, meta rbaħna tliet edizzjonijiet wara xulxin.

"Sfortunatament, wara dominanza assoluta fir-Regatta, il-club Marsi, bħal ħafna clubs oħra għadda minn żmien diffiċli ħafna. Waqt li d-distretti bħal Bormla u l-Isla armaw bl-aħjar qaddiefa fis-suq u ħargu jisfidaw għar-rebħ tax-Shield aħna ppruvajna narmaw mill-ġdid.

"Minħabba ħafna mpenji oħra, jien kelli nirtira minn kull kariga, iżda nemmen, li l-Marsa għad terġa' tħaddan 'crews' ġodda li għad jerġgħu jrebbħuha aktar minn darba l-akbar unur ta' dawn it-tiġrijiet tradizzjonali.

"Jien kont il-president tal-club tar-Regatta fl-1956 u ħdimt man-nies tiegħi biex il-Marsa - li kienet ilha tieħu sehem f'dawn it-tiġrijiet mill-1905, tersaq aktar viċin lejn il-ġganti ta' dawn it-tiġrijiet fir-rebħ ta' paljijiet u taqsam magħhom l-unuri.

"Meta kont president tal-Marsa, ma sibt xejn, lanqas minuti u kelli nibda mill-gdid. Meta kienet tasal it-tiġrija konna mmorru d-dwana, fejn l-uffiċjali tad-distretti kollha konna niltaqgħu mal-Kolletur tad-Dwana u uffiċjali tal-pulizija, u nitkellmu fuq it-tiġrija u kif trid issir. Niftakar li darba minnhom Nazju Grima, id-delegat tal-Birgu ħareġ bl-idea li nagħmlu Assoċjazzjoni tar-Regatta – saret mozzjoni fl-1956 u b'hekk ġiet iffurmata l-ewwel Assoċjazzjoni tar-Regatta.

"Bħala membri tagħha niftakar xi wħud minnhom, jien u Ġużeppi Xerri (ex-pulizija) bħala rapprezentanti tal-Marsa, Matty Grima, Sunny Busuttil ta' Bormla, Kieli Degiorgio (il-Favett) u ieħor mill-Isla u Nazju Grima u delegat ieħor mill-Birgu. Kien hemm delegati oħra minn Marsamxett, iżda kienu għadhom ma organizzawx mill-ġdid id-distrett.

*Anton, kif taf, personaġġ imsemmi ħafna fir-Regatta kien Matty Grima ...x'relazzjoni kellkom bejnietkom?*

"Tajba ħafna ... darba niftakar, kien għad ma kellniex il-*photo finish*. Konna nkunu wara l-Judges u qegħdin nosservaw kull dgħajsa mis-sinjal tagħha waqt waħda mit-tiġrijiet – kienet inqalgħet kwistjoni bejn l-Marsa u l-Kalkara – jien mort fuq il-Matty u staqsejtu x'jidherlu – qalli tagħkom. U l-Matty kien jagħmel l-istess kull meta kien ikollu diffikultá – kien jiġi ħdejja u jistaqsini - 'x'jidhirlek Anton?' ... issa hu kien Bormliż u bħala Bormliż kien iħobb lill-lokalitá tiegħu, iżda kellu għal qalbu ħafna lir-Regatta.

Niftakar li dan l-inċident kien qajjem pandemonju sħiħ, għaliex meta l-ġurija ddikjarat li l-palju ngħata lir-Marsa, il-Kalkara, il-Birgu u Bormla irtiraw mit-tiġrija. Il-Matty ma kienx qabel magħhom u rriżenja. Aħna ħadna x-Shield fl-1975, 76, u fl-1977 ...is-sena ta' wara ħadna daqqa lura ....

*Allura wara r-riżenja tal-Matty kien hemm xi diżgwid fl-Assoċjazzjoni tar-Regatta?*

"Le xejn ... bħala viċi-president dħalt jien minfloku u l-laqgħat tad-delegati baqgħu jsiru regolarment, ħafna drabi f'każini tal-baned ta' kull lokalitá.

"Meta għadda ftit taż-żmien, il-Matty reġa' daħal bħala president tal-club ta' Bormla, u jien tlabtu biex jerġa' jokkupa l-kariga ta' President ta' Assoċjazzjoni u jien inżilt taħtu bħala viċi president. Kien żmien meta l-Assoċjazzjoni kellha l-ħsieb li nintroduċu t-tiġrija tal-Giggijiet, imma mhux bil-parteċipazzjoni tal-Universitá, ċivil, u l-armata, iżda tal-clubs.

"Meta fl-1971 tela' fil-gvern il-Partit Laburita, Mintoff ried jagħti spinta lill-isport ... bdejna bil-pitches tal-Boċċi f'kull lokalitá, imbagħad beda jgħin l-imħażen tar-Regatta. Lilna tal-Marsa bnielna club, tħabbtu ħafna għalih Lorry Sant u Patrick Hollond, li ġie inawgurat minn Patrick Holland ..."

*Ikompli f'ħarġa oħra*